MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 361/1997/1

Louis Spiteri
vs
Chief Government Medical Office

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Awissu 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja permezz ta' transfer.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti.
Ir-rikorrent kien ilu madwar 12-il sena jaghmel ix-xoghol ta' Ambulance Driver. Dan ix-xoghol kien jaghmlu bl-akbar dedikazzjoni u kien ukoll jaghmel xoghol ta' maintenance fuq ambulanzi u kull ma jkun hemm bzonn fil-garage ta' l-ambulanzi. Is-superjuri tieghu dejjem kellhom kliem ta' tifhir dwaru u qatt ma kellu rapporti dwar negligenza.

Dan it-transfer kien effettwa lir-rikorrent kemm psikologikament kif ukoll finanzjarjament peress illi minhabba dan it-transfer kien tilef madwar Lm600 fis-sena. Barra minn hekk kien importanti ghar-rikorrent li jahdem bix-shift peress li kien jiehu hsieb ommu li kienet tghix wahida.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu bix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-flus li tilef konsegwenza ta’ dan it-transfer, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:
Illi fir-rikors fl-ismijiet premessi ma kien hemm l-ebda indikazzjoni rigward it-transfer illi l-intimat allega illi nghata. Tali indikazzjoni tikkostitwixxi d-dikjarazzjoni tal-fatti illi fuqhom irid ikun imsejjes ir-rikors ai termini ta’ l-Artikolu 7(2) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 u ghalhekk stante illi din id-dikarazzjoni hija nieqsa tali rikors huwa irritu u null.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ra d-decizjoni tal-1 ta’ Lulju 1999 li permezz taghha t-Tribunal kien cahad l-eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 394.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u qal li beda jahdem bhala “ambulance driver” bix-shift f’xi 1980 u dam jaghmel dan ix-xoghol ghal tnax-il sena. Meta ma kienx ikun fir-roster, kien isuq il-van ta’ l-ikel ta’ l-Isptar San Luqa jew igorr il-pazjenti. Eventwalment sar *“plumber”* u minn Grupp C tela’ ghall-Grupp D, imma xorta baqa’ jahdem l-istess xoghol li kien ta’ Grupp C. Meta nbidel il-Gvern fl-1987, intbaghat jaghmel xoghol ta’ plumbing. Gie nfurmat bit-transfer mill-principal tieghu u mhux formalment b’ittra. Ir-raguni li nghata kienet li l-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien ordna li kulhadd jigi mqieghed fuq xogholu proprja jigifieri kulhadd kellu jahdem skond il-grad tieghu. Minhabba dan it-transfer, tilef ix-shift allowances. Zied jghid li fil-vacation leave jew fit-time off tieghu kien mar jghin biex isir maintenance fuq l-ambulanzi. Ta’ dan ix-xoghol qatt ma thallas izda qal li hu ghamlu volontarjament ghax ma kellhomx karozzi biex jahdmu. Dak li kien dahal minfloku kien bennej u kok fi Group D. Ir-rikorrent kien intbaghat il-Public Works fejn ma kienux jafu bih u wara ntbaghat il-Country Hotel u hemmhekk l-anqas ma kienu jafu bih.

Xehed Tommy Cordina li kien il-Principal tar-rikorrent meta dan kien isuq l-ambulanzi. Qal li r-rikorrent kien jaghmel xogholu tajjeb. Ma ftakarx il-kaz ta’ meta nghata t-transfer ir-rikorrent. Ix-xhud bilfors kien ircieva struzzjonijiet mill-Ministeru biex ir-rikorrent jinghata trasferiment. Ma kienet inghatat l-ebda raguni ghat-trasferiment. Ftakar li kienu nbidlu hafna nies f’dik is-sezzjoni izda ma seta’ jiftakar xejn aktar. Li kien ghalih ir-rikorrent ma kienx jaghtih transfer peress li kien tajjeb fuq xoghlu. Ir-rikorrent ma kienx jinghata transfer ghax kien jaghmel xogholu sew. Ma kienx jaghmel id-doveri tieghu biss izda anki kien jahdem biex is-sezzjoni timxi ‘l quddiem. Qal li jaf li r-rikorrent kien plumber Group D izda kien jaghmel ix-xoghol ta’ ambulance driver. Ma setax jiftakar xi grad kellhom in-nies li dahlu minflok ir-rikorrent.

Xehed Anthony Cuschieri Ambulance Driver mad-Dipartiment tas-Sahha u li kien ilu jahdem hemmhekk xi

ghoxrin sena. Qal li lir-rikorrent kien jafu x-xoghol ghax kien xufier bhalu. In-nies li dahlu wara r-rikorrent kellhom grad iehor imma bdew jaghmlu x-xoghol ta’ Ambulance Drivers. Semma li minn naha tad-Dipartiment kienu qalu li dawn it-trasferimenti, inkluz tar-rikorrent kienu saru proprju biex min kien plumber bhar-rikorrent imur jaghmel xoghol ta’ plumber u min kien bajjad imur jaghmel xoghol ta’ bajjad izda mbaghad meta dahlu nies ohra dawn kellhom gradi ohrajn. Semma lil Saviour Attard li dahal minflok ir-rikorrent kien plumber imma kien jaghmel ix-xoghol ta’ ambulance driver.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent fil-fatt kellu r-rank ta’ plumber li hu Group D u fil-fatt kien jahdem ta’ Ambulance Driver Group C. Irrizulta li meta tbiddel il-Gvern numru ta’ nies li ma kienux jahdmu fil-grad taghhom fil-fatt gew moghtija inkarigu biex jaghmlu x-xoghol skond il-grad taghhom. Certament din hija haga li hi tajba.

Izda rrizulta li kien hemm diversi nies ohra li kienu fil-fatt plumbers izda li baqghu jahdmu ta’ Ambulance Drivers u ghalhekk dawn gawdew ix-shift allowance waqt li r-rikorrent le. Irrizulta li r-rikorrent kien jahdem sewwa u qatt ma kien hemm ilmenti dwaru. L-ingustizzja ghalhekk tirrizulta f’ illi filwaqt li fil-kaz tar-rikorrent dan gie trasferit ghall-grad tieghu persuni ohra ma gewx trasferiti bhalu u mhux fil-fatt li bhala tali ntbaghat jaghmel ix-xoghol li suppost kellu jaghmel. Naturalment din l-ingustizzja hija ta’ natura zghira fis-sens li darba jew ohra zgur kellu jibda jaghmel xogholu u ghalhekk it-Tribunal ghal skop ta’ rimedju ta’ kumpens sejjer iqis telf ta’ sena u cioe` kif dikjarat minnu stess fir-rikors u mhux kontestat mill-intimat Lm600.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-initmat u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ sitt mit lira [LM600].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------